**20 ta' Jannar, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Joseph Psaila

## Legittima Difiża - Provokazzjoni

*Sabiex id-difiża tal-leġittima difiża tiġi invokata b'suċċess, il-liġi timponi ċerti kundizzjonijiet. Ċjoe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jrid ikun inġust, gravi u inevitabbli. Id-difiża trid tkun saret biex jiġu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruħhom jikkaġunaw ħsara irreparabbli kif ukoll biex jiġi evitat periklu li ma setax jiġi evitat b'xi mod ieħor. Jiġifieri l-periklu għandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi periklu antiċipat, għax dan jista' jagħti lok biss għall-provokazzjoni u mhux difiża leġittima.*

*Il-periklu fil-leġittima difiża jrid ikun "attwali" u mhux sempliċiment "imminenti".*

Il-Qorti:-

Is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-6 ta' Awissu, 1993 li minnha sar l-appell preżenti taqra hekk:

"Rat il-kumpilazzjoni tal-provi minnha miġjuba kontra l-imputat Joseph Psaila akkużat talli (1) fil-lejl ta' bejn il-11 u t-12

ta' Awissu, 1992, waqt li kien qiegħed ġewwa Paceville, f'San Ġiljan, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Simon Cuschieri mis-Swieqi f'perikolu ċar, ikkaġunalu feriti f'wiċċu, liema feriti huma ta' natura gravi skond ma ċċertifika t-tabib Dr. V. Theuma ta' l-Isptar San Luqa u (2) talli fl-istess lejl, volontarjament kiser il-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Semgħet lill-imputat iwieġeb li ma kienx ħati ta' dawn l-akkużi;

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali (fol. 5) ta' l-20 ta' Awissu, 1992 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi ttrattat bi proċedura sommarja u rat li l-imputat ma oġġezzjonax;

Semgħet lix-xhieda kollha prodotti, inkluż lill-istess imputat minn jeddu u bil-ġurament;

Rat u eżaminat bir-reqqa l-provi kollha, id-dokumenti esebiti u l-atti tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi jirriżulta ppruvat, anzi lanqas ma huwa kkontestat, li fi-ġurnata, ħin u lok fuq indikati, l-imputat xejjer daqqa ta' ponn meta f'idu kellu tazza tal-ħġieġ, lejn wiċċ Simon Cuschieri u kkaġunalu feriti gravi minħabba sfreġju kif jirriżulta mix-xhieda medika, oltre xi inkonvenjenzi oħra kif deskritti mid-diversi tobba li taw ix-xhieda tagħhom f'din il-kawża. Anzi ngħad ukoll li xi *scars* li sofra dan Cuschieri f'wiċċu huma ta' natura permanenti,

bħal ma hija ta' natura permanenti wkoll il-ferita deskritta a fol. 39 tal-proċess mill-espert innominat minn din il-Qorti Dr. Joe Louis Grech b'riferenza għall-ferita ossia inkonvenjent imsejjaħ *traumatic neuroma* fir-ras ta' Cuschieri, jiġifieri ċikatriċi tan-nerv li żviluppat bħal tumur żgħir iżda dejjem taħt il-ġilda li ġġib sensazzjoni bħal xokk, jekk wieħed imissha fin-nerv li jkun għaddej minnha. Illi f'dan il-kuntest għalhekk u għal dak li jirrigwarda din il-ferita gravi, dawn jaqgħu skond din il-Qorti taħt l-artikoli 215, 217, 218(1)(a)(b)(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

*Illi dak li ovvjament m'hemmx qbil fuqu huwa dwar iċ-*ċirkostanzi li taw lok u svolġew f'dan l-inċident;

Illi min-naħa l-waħda hemm il-midrub Simon Cuschieri li xehed li kienu għall-ħabta tas-1.00 a.m. fil-lejl tat-12 ta' Awissu, 1992 meta waħdu daħal fl-Easy Rider Bar ġewwa Paceville, meta hemm ġew innota żewġ tfajliet bil-qiegħda fuq banketta, skond hu waħedhom, ħdejn mejda tonda u għolja. Meta ra hekk huwa ddeċida li jkellimhom u mar biex jintroduċi ruħu magħhom billi beda biex qalilhom *hello*, u dawn irrispondewh bl-istess mod. Hu qal li hawn irrealizza li dawn kienu barranin. Qal li f'daqqa waħda feġġ minn fuq il-lemin tiegħu l-impuat u dan b'aggressivita` u b'ħerra kbira, u qallu biex iħalli lil dawk iż-żewġt fajliet bi kwiethom. Żied jgħid li biex ma jħossux umiljat quddiem dawk it-tfajliet hu xorta ddeċida li jkompli jkellimhom u wara jitlaq, iżda f'daqqa waħda, u dan qabel ma biss ipprova jerġa' jkellimhom, ħass daqqa fuq in-naħa tax-xellug ta' wiċċu, bħal daqqa b'xi strument ippuntat. Qal li kollox sar f'sekondi u, skond hu, inaspettatament. Mistoqsi mid-difiża, Simon Cuschieri xehed u kkonferma li qabel dan l-inċident tal-feriment l-imputat kien effettivament qallu li waħda minn dawk it-tfajliet fil-fatt kienet għadha biss tifla ta' tlettax-il sena u li kienet

miegħu. Cuschieri żied jgħid li dan il-kliem ma ħadux bis-serjeta` u ħaseb li l-imputat kien biss qed jiċċajta għax dik it-tifla, li jisimha Diane Farrugia, ma kinitx tidher li kellha biss dik l-eta`;

Illi għalhekk il-versjoni tal-fatti ta' dan l-inċident skond Simon Cuschieri hi li kollox sar fi ftit sekondi u li l-imputat aggredih b'dak il-mod għal xejn b'xejn jew ta' xejn, għax hu ma qanqal l-ebda forma ta' provokazzjoni;

Illi l-versjoni kif mogħtija mill-imputat, u kif pjenament *ikkorroborata mix-xhieda taż-żewġ tfajliet*, ċjoe` *Diane Farrugia u* Sonia Perici, hija waħda kompletament differenti. Skond huma fil-fatt l-inċident minn meta beda sakemm spiċċa bil-feriment ta' Cuschieri ma damx biss xi ftit sekondi, iżda wisq aktar minn hekk. Jingħad hawn li dawn iż-żewġ tfajliet li kienu ma' l-imputat waħda, ċjoe` Sonia Perici, hija n-namrata tiegħu u l-oħra Diane Farrugia tiġi l-kuġina tagħha li dak iż-żmien kienet qiegħda Malta fuq btala peress li tgħix l-Ingilterra u kienet qed tgħix ma' l-istess imsemmija kuġina tagħha fir-residenza tal-ġenituri ta' din. Fil-fatt Diane Farrugia kellha tirritorna lura lejn l-Ingilterra ftit ġranet wara l-inċident;

Illi skond dawn it-tlieta minn nies, waqt li huma kienu qed jieħdu *drink* fl-Easy Rider Bar, daħal hemm Simon Cuschieri u mill-ewwel avviċina biex ikellem lit-tfajliet imsemmija, anzi avviċina l-ewwel lil Diane Farrugia. Din qalet li kienet imbeżża' u ħarset lejn l-imputat, li skond hu kien qed iħossu responsabbli għat-tfajliet 'l għaliex kienu miegħu. L-imputat hawn talab lil Cuschieri biex iħalliha bil-kwiet u qallu li kienet miegħu u kellha biss tlettax-il sena. Skond dawn, Cuschieri irrifjuta li jiddeżisti kif talbu l-imputat, anzi bil-lingwa Ingliża beda jgħid "No I will do what the

fuck I want", u dan ripetutament filwaqt li beda jgħajjat, jitkellem baxx u oxxen u jgħolli idejh ma' wiċċ l-imputat li reġa' qallu diversi drabi biex iħallihom u jitlaq, iżda Cuschieri kompla b'dan l-aġir tiegħu. Huma xehdu li Cuschieri f'ħin minnhom niżel it-tliet tarġiet li hemm mal-faċċatta ta'l-imsemmi *bar* u minn hemmhekk beda' jisfida lill-imputat biex joħroġ barra ħalli jiġġilidlu, ħaġa li l-imputat irrifjuta li jagħmel, anzi stiednu biex jerġa' jidħol ġol-*bar* u jitkellmu hemmhekk. Qalu li Cuschieri reġa' daħal, jgħajjat u b'mod ferm aggressiv beda jipponta subgħajh f'wiċċ l-imputat. Kien hawn li, skond dawn ix-xhieda, raw lil Cuschieri qed jiftaħ iż-żip tal-*money pouch* li kellu ma' qaddu, meta l-imputat jgħid li ħaseb li fl-istat li ra lil Cuschieri dan kien ser joħroġ xi ħaġa minn dak il-*pouch*, meta hu hawn qabad u xejjer dik id-daqqa bil-ponn, ċjoe' bl-id li fiha kellu t-tazza li mad-daqqa ma' wiċċ Cuschieri infaqgħet u ġara dak li ġie deskritt fuq. L-imputat jgħid li f'dak il-ħin li ra lil Cuschieri jiftaħ iż-żip tal-*pouch*., huwa kien ġa' fi stat panikuż, imbeżża' għalih u għaż-żewġ tfajliet li kellu miegħu u emmen li Cuschieri mill-*pouch* kien ser joħroġ xi arma u għalhekk xejjer dik id-daqqa ta'ponn. Tant ħassu eċċitat f'dak il-ħin, li meta xejjer id-daqqa hu qal li lanqas biss irrealizza li kellu t-tazza tal-ħġieġ f'idu l-leminija. Fil-fatt bit-tifrik tat-tazza huwa wkoll spiċċa b'diversi ġrieħi f'subajh kif jixhdu r-ritratti esebiti. Qal li meta huwa xejjer dik id-daqqa l-intenzjoni tiegħu kienet biss li jżommu milli jweġġa' lilu jew lil min kellu miegħu. Beżgħan kif kien, imbagħad l-imputat qal li huwa u sħabu telqu minn fuq il-post meta raw lil Cuschieri jerġa' jqum mill-art, fejn kien waqa' bid-daqqa. L-imputat qal li hu ma qagħadx jirrealizza li kellu t-tazza f'idu u deherlu f'dak il-ħin li kellu jiddefendi ruħu u lill-oħrajn li kienu miegħu b'dak il-mod kontra t-theddida li ħass ġejja għal fuqhom min-naħa ta' Cuschieri minħabba l-aġir aggressiv ta' dan ta' l-aħħar;

Illi minn dan kollu għalhekk jidher ċar li hawn konfliġġenza qawwija fil-versjoni tal-fatti ta' kif ġraw. Fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova l-akkużi tagħha kontra l-imputat *beyond reasonable doubt*, fil-waqt li min-naħa l-oħra, mid-difiża, imsaħħa bil-presunzjoni ta' l-innoċenza ta' l-imputat, tista' tibbaża u/jew tipprova l-każ tagħha anke fuq bażi jew/u bilanċ ta' probabilita`, jiġifieri jekk hux probabbli li seta' ġara dak li ġie rrakkontat mill-imputat kif ikkorroborat miż-żewġ tfajliet imsemmija, jew le. Il-Qorti trid tara liema versjoni hija l-aktar verosimili meħuda in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha u hawnhekk il-Qorti tħoss li għandha tinnota u tirrileva li l-investigazzjonijiet dwar l-inċident kollu li kellhom isiru jew saru mill-Pulizija ma sarux b'mod komplet u kif wieħed kien jistenna u jippretendi f'każ daqshekk serju ta' feriment gravi ġewwa Paceville fil-ħinijiet bikrin ta' filgħodu. Per eżempju fejn hemm feriti bħal dawk li sofra Simon Cuschieri, il-Qorti kienet tistenna li l-Uffiċjal Investigattiv jew l-Ispettur li kien xogħol f'dak il-ħin u ġurnata ta' l-inċident fl-għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan kellu jinforma minnufih lill-Maġistrat ta' l-għassa sabiex dan jagħmel Inkjesta Maġisterjali dwar il-każ u b'hekk jinġabru u jiġu ppreservati l-aħjar evidenza. Minn dan kollu ma sar assolutament xejn. Il-Qorti tinnota wkoll li hija ħaġa ferm stramba u tista' tgħid inkredibbli kif minn ħanut mimli nies u allura wieħed jassumi li xi ħadd minn dawk in-nies ċertament ra xi ħaġa minn dan l-inċident kollu, il-prosekuzzjoni ma tellgħet lil ħadd bħala xhud tagħha ħlief il-midrub Simon Cuschieri. Ċertament għalhekk il-Qorti tosserva li l-istħarriġ da parti mill-Pulizija ma sarx sewwa l-għaliex huwa impossibbli li minn dawk in-nies kollha li normalment ikunu f'dawk l-inħawi u fl-istabbilimenti li hemm ġo Paceville u fit-toroq ta' madwarhom, speċjalment meta jkun is-sajf bħal każ in eżami, il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex issib aktar xhieda dwar dan l-inċident u dan meta,

kif ġa' ntqal, il-prosekuzzjoni trid tipprova l-każ tagħha b'ċertezza morali u mingħajr l-ebda dubbju ddettat mir-raġuni. Trid dejjem iġġib l-aħjar provi u dan biex tikkonvinċi moralment lill-Qorti minn dak kollu li tkun qed tallega kontra l-imputat fil-kawża;

F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk, u l-provi huma dawk li tressqu, il-Qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni ċerta tagħha skond il-liġi dwar liema versjoni tal-fatti hija l-aktar waħda attendibbli u għalhekk minħabba dan id-dubbju u fil-mankanza ta' provi suffiċjenti u adegwati, liema dubbju jmur dejjem favur l-imputat, il-Qorti ma tistax taċċetta l-versjoni kif mogħtija mill-midrub Simon Cuschieri u tara li dik mogħtija mill-imputat, kif ikkorroborata, hija aktar verosimili u probabbli. Illi dak li ngħad sa issa huwa biss dwar il-fatti. Min-naħa tad-difiża u bħala punt ta' liġi, ġie sottomess li l-imputat aġixxa b'dak il-mod in difiża leġittima tiegħu nnifsu u taż-żewġ tfajliet li kienu miegħu u taħt ir-responsabilita' tiegħu u għalhekk ippruvat minn dak li xehdu dawn, toħroġ l-elementi kollha rikjesti mil-liġi biex tiġi aċċettata din il-linja ta' difiża;

Illi kif huwa ben saput, il-ġustifikazzjoni għal-leġittima difiża tirriżulta meta persuna tilqa' b'forza l-vjolenza jew aggressivita' ta' persuna oħra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggressiva l-aġir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-leġittima difiża trid tkun inħolqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaċċja ta' l-istess, bl-aġir ta' l-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni ikkreata unikament mhux minn min jadotta dik it-tip ta' difiża, iżda minn min qed juri jew jimmanifesta dak il-perikolu jew theddid jew dannu imminenti. Fil-fatt l-artikolu 223 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid: "Ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorita' leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn

attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor". Dan il-kliem huwa ċar ħafna fih innifsu. L-artikolu 224 ta' l-istess Kap. 9 jispeċifika l-każijiet ta' bżonn attwali tad-difiża leġittima;

Jiġi rrilevat li d-dritt għal-leġittima difiża jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fondamentali ta' kull bniedem li jipproteġi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-użu tal-forza. Iżda l-liġi timponi ċerti kundizzjonijiet biex din l-eċċezzjoni tiġi milqugħa. Ċjoe` it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun inġust, gravi u inevitabbli. Id-difiża *trid tkun saret biex jiġu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw* ruħhom jikkaġunaw ħsara irreparabbli lid-difensur jiġifieri ħsara jew offiżi fil-ħajja, ġisem u/jew partijiet tal-ġisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li għamel għamlu, stante li fl-istat psikoloġiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikolu li ma setax jiġi evitat b'xi mod ieħor. Jiġifieri l-perikolu għandu jkun attwali, ta' dak il-ħin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret ħinijiet qabel għax dan jista' jagħti lok biss għall-provokazzjoni u mhux difiża leġittima. Il-perikolu jrid ukoll ikun assolut, ċjoe` li f'dak il-mument li kien qed iseħħ ma setax jiġi evitat b'xi mod ieħor. Iżda hawnhekk għandu jiġi applikat it-test soġġettiv kif diversi awturi u s-sentenzi tal-Qrati dejjem speċifikaw u mhux biżżejjed li wieħed jgħid x'seta' għamel jew xi jmissu għamel id-difensur (imputat) qabel ma ħa l-azzjoni in difiża bl-użu tal-forza. Fil-fatt kif jgħid Mamo; "the danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time". Wieħed għalhekk irid ipoġġi lilu nnifsu fil-posizzjoni u stat mentali u psikoloġiku ta' l-imputat difensur meta aġixxa b'dak il-mod fiċ-ċirkostanzi kif ħassu dak il-ħin u mument, ċjoe` imbeżża', panikuż u l-ħsieb tiegħu li ser jiġi aggredit b'xi ħaġa huwa u/jew it-tfajliet li

kienu miegħu, meta ra lil Cuschieri jmiss jew jiftaħ iż-żip tal-*pouch* li kellu ma' qaddu, sitwazzjoni li, kif tajjeb qalet id-difiża, ma ħoloqhiex l-imputat iżda ħoloqha l-istess Cuschieri bl-attitudni u aggressivita' tiegħu matul l-inċident kollu;

Fl-aħħarnett biex l-imputat ikun jista' jiġi ġustifikat għal kollox, fid-difiża leġittima huwa m'għandux jadotta metodi li huma in eċċess jew sproporzjonati għall-aggressjoni jew minaċċja ta' perikolu. Iżda anke hawn, u partikolarment fil-każ in eżami, għandu wkoll jiġi kkunsidrat sew l-istat mentali tal-vittma ta' l-aggressjoni jew minaċċja ta' perikolu, ċjoe' l-imputat. Rinfaċċjat b'perikolu serju u imminenti kif ħaseb hu f'dak il-mument, wieħed ma jistax jippretendi li kellu jżomm kalm u fil-fatt il-liġi stess f'ċirkostanzi bħal dawn taċċetta miskalkolazzjonijiet u *errors of judgement*. Il-liġi fil-fatt tipprovdi li l-ebda piena ma tiġi inflitta f'każijiet li anke fejn bniedem jeċċedi l-liġi f'każ li jkun neċessarju li jiddefendi lilu nnifsu u/jew terzi, fejn tali eċċess ikun dovut għall-perikolu imminenti li hu jsib ruħu rinfaċċat bih, jew minħabba biża' jew twerwir (*fear or fright*). Illi jekk wieħed jeżamina sew ix-xhieda mogħtija mill-imputat Psaila u mix-xhieda Sonia Perici u Diane Farrugia, jirriżulta bla ebda dubbju ta' xejn li l-elementi kollha fuq esposti biex tkun ġustifikata l-użu tal-forza in leġittima difiża kollha jirrikorru. Anke jekk wieħed joqgħod biss fuq l-istqarrija ta' l-imputat li huwa rrilaxxja volontarjament lill-Uffiċjal Investigattiv tal-Pulizija ftit sigħat biss wara l-inċident fit-12 ta' Awissu, 1992 il-versjoni tal-fatti minnu mogħtija dak in-nhar *a tempo vergine*, juru li l-elementi kollha għall-ġustifikazzjoni tal-leġittima difiża kienu ġa' jirriżultaw. L-imputat anke meta xehed fil-kawża minn jeddu xhur wara l-inċident u anke in kontro-eżami u f'konfrontazzjoni ma' Simon Cuschieri, baqa' dejjem isostni l-istess versjoni u baqa' dejjem kostanti f'dak li qal sa' l-iċken dettal;

Għal dawn ir-raġunijiet kollha għalhekk fuq esposti, il-Qorti tara li l-imputat kien ġustifikat li jaġixxi b'dak il-mod taħt leġittima difiża għalih innifsu u għal terzi u stante li din il-linja ta' difiża u eċċezzjoni qed tiġi milqugħa, tara għalhekk li l-imputazzjonijiet *kollha kontra l-imputat Joseph Psaila ma ġew ippruvati* sufficjentement u adegawatament skond il-liġi min-naħa tal-prosekuzzjoni u għalhekk filwaqt li l-Qorti mhix qed issib lill-imputat Joseph Psaila ħati tagħhom, qiegħda tilliberah minn kull imputazzjoni dedotta kontrih";

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u ssib lill-imputat ħati ta' l-akkużi dedotti kontra tiegħu u tinfliġġi l-piena skond il-liġi;

Rat l-atti *kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti*;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-Avukat Ġenerali jissottometti in sostenn ta' l-appell tiegħu illi l-ewwel Onorabbli Qorti għamlet enunċjazzjonijiet żbaljati jew inkompleti ta' l-ipotesi tal-liġi in materja ta' leġittima difiża. Għalkemm l-ewwel Qorti ċċitat testwalment l-artikolu 223 tal-Kodiċi Kriminali, appena ddipartiet mit-test tal-Mano interpretatu ħażin. Apparti li l-artikolu 224 ma *jispeċifikax "il-każijiet tal-bżonn* attwali tad-difiża leġittima" iżda hu eżemplifikattiv ta' xi każijiet simili, l-esposizzjoni fit-tieni paragrafu ta' paġna 6 tas-sentenza hi żbaljata. L-ewwel Qorti qalet hekk;

"Tirriżulta meta persuna tilqa' b'forza l-vjolenza jew aggressivita` ta' persuna oħra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggressiva l-aġir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-leġittima difiża trid tkun inħolqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaċċja ta' l-istess, bl-aġir ta' l-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni kkreata unikament mhux minn min jadotta dik it-tip ta' difiża, iżda minn min qed juri jew jimmanifesta dak il-perikolu jew theddid jew dannu imminenti";

Apparti l-fatt li aggressivita` ta' persuna, a differenza ta' l-aggressjoni tiegħu, waħedha ma tista' qat twassal għal-leġittima` difiża, hu evidenti li f'dan il-bran il-Qorti qed tirravviża sitwazzjoni ta' perikolu imminenti. Il-liġi tagħna, invece, tirrikjedi perikolu attwali. Kif jispjega Antolisei: "Occorre, infine, che l'aggressione abbia creato per il diritto preso di mira un pericolo attuale. Il Codice Zanardelli parlava di pericolo "imminente", dando luogo a molte incertezze. Con la nuova formula (pericolo attuale) si e` voluta porre in rilieva che la situazione pericolosa deve esistere nel momento del fatto. Pericolo attuale e` il pericolo presente" (Manuale di Diritto Penali, Parte Generale, p. 261). Huwa minnu li l-Qorti, man mano li bdiet tirriproduċi siltiet mit-test tal-Mamo, qalet li, fost ħwejjeġ oħra, il-perikolu jrid ikun attwali, iżda jidher li l-kunċett ta' attwalita` malajr sfuġġielha għax immedjatament wara reġgħet qalet: "Rinfaċċjat b'perikolu serju u imminenti kif ħaseb hu f'dak il-mument .... fejn tali eċċess ikun dovut għall-perikolu imminenti li hu jsib ruħu rinfaċċjat bih jew minħabba biża' jew twerwir (*fear or fright*)" (p. 7 tas-sentenza);

U huwa proprju fil-kuntest tar-rekwiżit tal-proporzjonalita` li l-ewwel Onorabbli Qorti reġgħet interpretat ħażin il-liġi. Jekk wieħed jara t-tieni paragrafu ta' paġna 7 tas-sentenza (fol. 93 tal-

proċess) wieħed jinduna mill-ewwel li l-ewwel Qorti ikkunsidrat l-element soġġettiv tal-ħasda, biża' jew twerwir fil-*proviso* tal-paragrafu (d) ta' l-artikolu 227 bħala li jintegra il-leġittima difiża. Fi kliem ieħor, l-ewwel Qorti kkunsidrat li l-"miskalkolazzjonijiet u *errors of judgement* li jagħtu lok għall-eċċess ta' leġittima difiża jridu jiġu kkunsidrati ( u hekk ikkunsidrathom u applikathom dik il-Qorti) biex wieħed jara jekk l-imputat ikunx jista' jiġi "ġustifikat għal kollox". Dan hu evidentement żbaljat stante li l-eċċess ta' leġittima difiża jimporta l-elementi kollha tal-leġittima difiża ad eċċezzjoni proprju ta' dik tal-proporzjonalita`, liema nuqqas ta' proporzjonalita`, jekk ikun dovut għall-"istat mentali tal-vittma jimporta reat mingħajr piena";

Fil-każ in diżamina, anke li wieħed kellu, għall-grazzja ta' l-argument, jieħu *a bocca baciata* dak li qal Psaila, jirriżulta li Cuschieri qatt ma ħareġ xi arma, anqas jirriżulta li kellu arma; anqas kien hemm xejn li seta' raġonevolment jindika li kellu fuqu xi arma. Diane Farrugia, in kontro-eżami qalet b'mod ċar: "The other man didn't try to touch Joseph before Joseph punched him" (fol. 14). Ir-reazzjoni ta' Psaila kienet sproporzjonata anke li kieku Psaila verament ħaseb li Cuschieri kien ser joħroġ "xi arma";

Ikkunsidrat:

Illi bħala punt ta' dritt li qed jissotometti l-Avukat Ġenerali huwa korrett fis-sens illi altru wieħed jirrikjedi li l-perikolu jrid ikun attwali u altru li jkun imminenti u dan għax jekk ikun imminenti mhux neċessarjament ikun attwali. Effettivament din il-Qorti tara li hu rilevanti jiġi rrilevat ukoll illi għalkemm l-ewwel Onorabbli Qorti verament użat il-kelma "imminenti" hija użat ukoll it-terminu "attwali" u jidher li f'ċertu sens jista' jkun li kienet qed tikkonfondi

ż-żewġ kwalitajiet;

Hu x'inhu, pero', dak li din il-Qorti jidhrilha li hu importanti huwa x'fehmet li kien determinanti l-ewwel Onorabbli Qorti;

Jidher mill-atti proċesswali li l-ewwel konklużjoni li l-ewwel Onorabbli Qorti waslet għaliha hija li ma setgħetx tasal għall-konklużjoni ċerta dwar liema versjoni tal-fatti hija l-aktar waħda attendibbli u għalhekk minħabba dan id-dubbju ma setgħetx taċċetta l-versjoni ta' Simon Cuschieri;

It-tieni konklużjoni tidher li kienet li l-ewwel Onorabbli Qorti dehrilha li ċ-ċirkostanzi kif żviluppaw, ġraw f'ħakka t'għajn tant u b'mod illi kkrejaw f'moħħ l-imputat biża' u paniku u apprensjoni ta' perikolu tali li nħoloq stat fejn ħaseb li jekk ma jiddefendix ruħu kien ser jiġi ferut serjament jew addirittura maqtul. Huwa veru li effettivament hemm ħafna xi tgħid dwar dan pero' dak li jżomm lil din il-Qorti milli tidħol aktar fil-fond fil-kwistjonijiet involuti huwa l-fatt tal-konvinċiment morali ta' l-ewwel Onorabbli Qorti dwar in-nuqqas ta' attendibilita' tal-versjoni ta' Cuschieri u l-poverta tal-mod li bih ġew kondotti l-investigazzjonjiet. F'dawn iċ-ċirkostanzi, din il-Qorti tara li anke jekk teknikament l-Avukat Ġenerali għandu raġun, din il-Qorti diffiċilment tista' ssib rimedju billi biex tagħmel dan trid tiddisturba l-apprezzament ta' provi magħmula mill-ewwel Onorabbli Qorti li stante dak li ngħad mhux indikat li jsir;

F'dawn iċ-ċirkostanzi, għalhekk, din il-Qorti tara li ma tistax takkolji l-appell;

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza

appellata.